# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 15**

**Rikors numru 592/2023/2 AB**

**Arabella Tonna**

**v.**

**Malta Stock Exchange plc (C-42525), Simon Zammit fil-kariga tiegħu ta' CEO, Joseph Portelli fil-kariga tiegħu ta' *Chairperson* fi ħdan l-MSE u Alfred Sammut bħala *Chief* tal-HR fi ħdan il-kumpanija MSE**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Simon Zammit, Joseph Portelli u Alfred Sammut minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 2025, fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza ta' dik il-Qorti biex tistħarreġ

din il-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Ġunju, 2023, l-attriċi Arabella Tonna fissret li hi kienet ilha taħdem mal-konvenuta Malta Stock Exchange plc għal madwar 23 sena. Tistqarr li hija ġarrbet abbuż minn din il-kumpanija meta fuq firxa ta' erbatax-il xahar inbiddlilha l-post u t-tip tax-xogħol tagħha għal tliet darbiet: l-ewwel minn *Market Operations* għal *Finance Office*; imbagħad minn *Finance Office* għal *CSD Office*; u fl-aħħar minn *CSD Office* għal *Data Operations Office*.

3. L-attriċi tallega li dawn it-trasferimenti saru b'mod vendikattiv bil-għan li jdejjquha, sal-punt li hija spiċċat biex kellha tirriżenja mill-post tax-xogħol tagħha. Iżżid tgħid ukoll li b'konsegwenza ta' dan l-abbuż, hija kellha tmur għand psikjatra li ħarġilha żewġ ċertifikati għal-*leave* tal-mard bejn Awwissu tas-sena 2021 u Frar tas-sena 2022 u bejn Lulju tas-sena 2022 u Jannar tas-sena 2023.

4. Tkompli tfisser li hija kienet ġiet sospiża minn fuq il-post tax-xogħol wara li kienet dehret fuq programm televiżiv bl-isem «*Flimkien ma' Steph*» waqt li hija kienet fuq *leave* tal-mard. Tul dan iż-żmien ta' sospensjoni hija kienet tirċievi nofs is-salarju tagħha skont kif stipulat fil-

ftehim kollettiv. Tgħid li l-Bord tad-Dixxiplina kien qabel mal-fatti kif preżentati minnha u ħarġilha biss twissija. Hekk kif tneħħiet is-sospensjoni u marret lura għax-xogħol, hija tgħid li bħala att vendikattiv hija ġiet mogħtija biss xogħol ta' *scanning*, li riedet tagħmlu waħidha u wiċċha mal-ħajt meta topera mill-uffiċċju jew mir-residenza privata tagħha.

5. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara l-aġir tal-kumpanija konvenuta bħala wieħed abbużiv u ta' vjolazzjoni għad-drittijiet tal-ħaddiem;*
>
> *2. Tikkundanna l-att vendikattiv illi r-rikorrenti sofriet wara illi hija rritornat għax-xogħol;*
>
> *3. Tillikwida kumpens lir-rikorrenti għad-danni morali u emozzjonali illi hija sofriet u dan bis-saħħa ta' periti nominandi.*
>
> *U dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.»*

6. Il-konvenuta Malta Stock Exchange plc ressqet tweġiba maħlufa fit-3 ta' Ottubru, 2023, filwaqt li l-konvenuti l-oħra flimkien bejniethom ressqu risposta maħlufa fit-18 ta' Ottubru, 2023 fejn minbarra li opponew għat-talbiet tal-attriċi qajmu l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża. Din l-eċċezzjoni komuni dwar l-inkompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet rispettivament imfissra mill-Malta Stock Exchange u mill-konvenuti l-oħra b'dan il-mod:

> *«Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-bqija ta' din ir-risposta ġuramentata, b'kull dovut rispett il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex*

*il-kompetenza tisma' dan il-każ għaliex mit-talbiet magħmulin mir-rikorrenti jidher ċar li dan il-każ huwa ta' kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u dan skont l-**Artikolu 75 et seq. tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta**.»*

u

*«Preliminarjament ukoll, l-ilment tal-attriċi jaffigura fil-parametri ta' 'constructive dismissal', forma ta' terminazzjoni inġusta, bil-konsegwenza li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza ratione materiæ tistħarreġ u tiddeċiedi dan il-każ li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.»*

7. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru, 2023 intlaħaq qbil bejn il-partijiet, li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha l-ewwel tagħti sentenza parzjali dwar din l-eċċezzjoni marbuta mal-inkompetenza tagħha biex tqis din il-kawża.

8. B'sentenza parzjali mogħtija fit-13 ta' Jannar, 2025, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet din l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza tagħha għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«Ir-rikorrenti li kienet ilha impjegata mal-kumpanija Malta Stock Exchange plc għal 23 sena, ilmentat li sofriet abbuż mill-kumpannija intimata meta nbidel l-impjieg tagħha tliet darbiet f'terminu ta' 14-il xahar u kif ukoll ingħatat trasferiment partikolari. Hija sostniet li fl-aħħar żmien li kienet impjegata mal-kumpanija intimata spiċċat tagħmel xogħolha f'rokna fejn ma kienet tikkomunika ma' ħaddieħor mill-impjegati. Saħqet ukoll li minħabba l-aġir u t-trattament da parti tal-kumpanija intimata hija spiċċat kellha tmur għand psikjatra li ordnalha biex toħroġ bil-leave. Finalment meta s-sitwazzjoni fuq ix-xogħol ma bdietx timmeljora bdiet tibki saħansitra fuq il-post tax-xogħol u s-saħħa mentali tagħha bdiet tiddeterjora. Din is-sitwazzjoni waslitha biex tirriżenja mill-post tax-xogħol.*

*Hija nnutat ukoll li meta kienet ġiet sospiża fuq proċeduri dixxiplinarji, hija kienet sussegwentement dehret quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, li qabel mal-fatti tal-każ kif ippreżentati minnha u kien ta biss warning. Meta mbagħad irritornat lura għax-xogħol, il-kumpanija intimata bdiet tagħtiha biss xogħol ta' scanning. Għar-rikorrenti dan kien jammonta*

*għal att vendikattiv. Ir-rikorrenti eventwalment irriżenjat mill-impjieg tagħha mas-soċjetà konvenuta fit-22 ta' Ġunju 2023 kif jidher mill-ittra esibita fol 42 tal-proċess.*

***L-EĊĊEZZJONI PRELIMINARI DWAR IN-NUQQAS TA' KOMPETENZA RATIONE MATERIAE TA' DIN IL-QORTI BIEX TISMA' U TIDDEĊIEDI T-TALBIET TAR-RIKORRENTI***

*L-intimati Simon Zammit, Joseph Portelli u Alfred Sammut issottomettew l-azzjoni attriċi hija waħda ta' constructive dismissal, għaliex l-attriċi - li kienet impjegata mal-kumpanija intimata - irriżenjat mix-xogħol minħabba l-aġir tal-kumpanija intimata li skontha kien abbużiv u vendikattiv. Jgħidu li għalkemm fir-rikors u t-talbiet tagħha l-attriċi ma użatx il-kliem constructive dismissal u lanqas "tkeċċija inġusta" hija iddeskriviet sitwazzjoni fejn allegatament id-diriġenti u l-uffiċjali tal-kumpanija intimata għamlulha 'il-bsaten fir-roti' u poġġewha f'sitwazzjoni biex idejquha, bil-konsegwenza li ma kellhiex triq oħra ħlief tirriżenja.*

*Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-intimati jkomplu jgħidu li dan huwa każ ta' allegat tkeċċija inġusta, ossia constructive dismissal li kellu jiġi mistħarreġ u deċiż mit-Tribunal Industrijali li, a tenur tal-artikoli 75 (1)(a), 75(2) u 81 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kien vestit bil-kompetenza esklussiva f'kawżi ta' din ix-xorta.*

*Il-kumpanija intimata Malta Stock Exhange plc issottomettiet li dan kien każ ċar ta' constructive dismissal, li kien jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 et sequitur tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti kienu jinkwadraw ruħhom perfettament taħt il-kunċett ta' constructive dismissal. Inoltre, ai termini tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każijiet ta' tkeċċija inġusta t-Tribunal Industrijali setgħa jagħti sentenza ta' kumpens li titħallas mill-prinċipal lill-impjegat. Il-kumpanija konvenuta saħqet li meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens, it-Tribunal kellu wkoll iqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra. B'hekk kwalunkwe danni allegatament sofferti mir-rikorrenti kellhom jiġu meqjusa, determinati u likwidati mit-Tribunal Industrijali.*

*Min-naħa tagħha, fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti sostniet li l-azzjoni odjerna ma kinitx ibbażata fuq tkeċċija inġusta inkwantu kienet ir-rikorrenti li rriżenjat minħabba l-aġir tal-kumpanija intimata. Ladarba kienet ir-rikorrenti li rriżenjat, hija sostniet li dan kien każ għal riżarċiment ta' danni sofferti konsegwenti għall-abbuż sofrut. B'hekk skontha, l-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx japplika.*

*Inoltre, r-rikorrenti sostniet ukoll li l-intimati Simon Zammit, Alfred Sammut u Joseph Portelli kienu uffiċjali għolja fi ħdan il-kumpanija*

*intimata li kellhom jinżammu responsabbli għal kull aġir negliġenti li l-kumpanija intimata tkun ħatja tiegħu u dan ai termini tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili.*

***Ikkunsidrat***

*Kawżi li jaqgħu fil-parametri ta' constructive dismissal jaqgħu fil-parametri ġurisdizzjonali tat-Tribunal Industrijali.*

*Fl-appell inferjuri* ***Anne Bharwani v. MIM Training and Development Services Limited,***[1] *ingħad:*

> *«....ma jistax ikun disputat illi l-aċċertament u l-valutazzjoni tal-fatti għall-iskop li jkun stabbilit jekk iċ-ċirkostanzi singolari tal-każ jintegrawx, o meno, qagħda ta' 'constructive dismissal' huma materja rimessa esklussivament lit-Tribunal, u mhux ukoll lil din il-Qorti tar-reviżjoni, hekk ġurisdizzjonalment limitat għas-sindikar fuq 'punt ta' liġi' (**Artikolu 82(3) tal-Att XXII tal-2002**). Biex ikun xort'oħra u din il-qorti tkun tista' tirrevedi dik il-valutazzjoni tal-fatti irid jirriżultalha li din l-istess valutazzjoni ġiet magħmula minn bażi għall-ipotesi skorretta tal-liġi (Ara **Kollezz Vol. XXXVII PI p126**).*[2]

*Kif osservat ukoll fl-appell inferjuri* ***Joan Zammit v. S. Borg & Sons Limited***[3] *il-liġi Maltija ma tipprovdix definizzjoni ta' constructive dismissal. Ingħad b'danakollu f'dik l-istess sentenza illi minkejja dan, fi ħsieb ta' din il-Qorti, anke fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar speċifika da parti tal-leġislatur Malti ma kien hemm xejn x'josta lit-Tribunal milli fir-riċerka tiegħu jasal għal kwalifika ta' din l-espressjoni in bażi għal fatti u dak tar-rapport kontrattwali bejn il-partijiet.*

*Dwar il-kunċett tal-constructive dismissal fl-appell* ***Peter Agius v. Melita plc***,[4] *ingħad:*

> *«Bilfors mela wieħed għandu jistrieħ fuq dak li jgħidu l-awturi barranin u partikolarment dawk Ingliżi peress li Tribunali u Qrati tar-Renju Unit ilhom snin kbar iħaddnu dan il-kunċett li huwa wkoll rikonoxxut mil-liġijiet tagħhom. Dan jirrikonoxxuh ukoll l-avukati taż-żewġ partijiet li taw eżempji attwali kemm mill-awturi kif ukoll mill-każistika Ingliża konformament ma' dan **Steven D. Anderman** jgħid li:*
>
> > *The effective date of termination in cases of constructive dismissal is likely to vary, depending on whether the employee leaves with or without notice. If the employee leaves without notice his or her date of departure is likely to constitute the effective date of termination. If the employee leaves with notice the position would appear to be that the effective date of termination is the end of the notice period.*[5]

[1] Appell numru 19/2007, deċiż fit- 28 ta' Jannar 2008.
[2] Ara wkoll l-appell ċivili ***Peter Agius v. Melita plc,*** numru 6/2009, deċiż fit-23 ta' Ottubru, 2009.
[3] Deċiż fid-19 ta' Ottubru, 2005.
[4] Appell numru 6/2009, deċiż fl-20 ta' Ottubru, 2009.
[5] ***The Law of Unfair Dismissal p.52 Butterworths 3rd Edition***.

*Aktar reċentement, fl-Appell Inferjuri* ***Roderick Azzopardi v. Malta Public Transport Services Operations Limited*** [6] *constructive dismissal ġie deskritt bħala sitwazzjoni fejn il-ħaddiem ikun ġie mġiegħel jirriżenja mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu.*

*Il-kunċett ta' constructive dismissal allura jinkludi fih is-sitwazzjoni fejn impjegat jirriżenja mill-impieg minħabba l-pressjoni li jsib ruħu fiha minħabba sitwazzjonijiet varji li jkunu ġew maħluqa lilu matul l-impjieg tiegħu, liema pressjoni twasslu sabiex ikun kostrett li jitlaq minn dak l-impjieg, kontra x-xewqa tiegħu. B'hekk dik ir-riżenja tkun waħda forzata li tkun tista' titqies li tekwivali għal tkeċċija in konsegwenza għall-fatt li l-aġir ta' min iħaddem ikun irrenda l-kundizzjoni tal-impjieg tal-impjegat bħala inaċċettabbli. Dan huwa rifless ukoll fil-kawża* ***Carmel sive Lino Farrugia v. Alexandra Palace Hotel Ltd*** [7] *, fejn il-kunċett ta' constructive dismissal kien meqjus li jinkludi sitwazzjoni ta' riżenja minn impjieg għal raġunijiet li għalihom jaħti dak li jagħti x-xogħol titqies b'interpretazzjoni bħallikieku kienet tkeċċija.*

*Fl-appell ċivili - fuq meritu simili għal dak odjern - fl-ismijiet* ***Francesca Busuttil v. Laguna Marina Limited***,[8] *il-Qorti kienet rat li r-rikorrenti kienet waqgħet fi stat qawwi ta' ansjetà minħabba f'dak li għaddiet minnu fuq il-post tax-xogħol tagħha. Hija sostniet li għaddiet minn xhur ta trattament degradanti, bil-konsegwenza li eventwalment kellha tirriżenja mill-impjieg. F'dak il-każ saret referenza għall-awtur Ingliż Selwyn li fil-ktieb tiegħu* ***Law of Enforcement***[9] *iddeskriva constructive dismissal hekk:*

> *«......... Where the employee himself terminates the contract with or without notice in circumstances where he is entitled to terminate without notice by reason of the employer's conduct, this is known as 'constructive dismissal.' For although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudiation of the contract and the employee accepts that repudiation by resigning. The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having being repudiated by the employer and if he fails to do so by word or conduct, he is not entitled to claim that he has been constructively dismissed.»*

*Apparti minn hekk,* ***I.T. Smith u J.C. Wood****, fil-ktieb taghhom* ***Industrial Law****, jgħidu*[10]

> *«Although the theory behind 'constructive dismissal' is that it is the employer who terminates the contract for statutory purposes, in practise*

---

[6] Appell numru 83/2019, deċiż fl-1 ta' Lulju, 2020.
[7] Prim Awla Qorti Ċivili, deċiża fis-7 ta' Lulju, 2003. Ara wkoll l-appell inferjuri ***William Saliba v. Avv Louis Cassar Pullicino nomine*** deċiż fid-9 ta' Mejju, 1997; ***Joseph Sammut v. MIA*** deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju 2003; ***Sun Route Company Limited v. Claire Zammit Cordina*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 2002; u l-appell inferjuri ***Michael Spiteri v. Valletta Gateway Terminals Limited***, numru 29/2020, deċiż fis-6 ta' Ottubru 2010.
[8] Appell inferjuri numru 53/2022, deċiż fid-9 ta' Ġunju 2023.
[9] ***14th edition, 2006, Oxford University Press, p.401***.
[10] ***4th, Edition Butterworths, p.279*** ċitat ukoll b'approvazzjoni fl-appell inferjuri ***Anne Bharwani v. MIM Training and Development Services Limited***.

*it will usually be the employee who takes the final step by resigning and walking out, that's showing that he has accepted the employer's repudiation as concluding the contract. If the employee does not take such action, or does so after a delay, there is the danger (particularly in cases where the employers conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment) of this being construed as an agreement by the employee to variation in the contract; if this is so there's no constructive dismissal, even if the employee later resigns. To avoid this danger the employee should make up his mind quickly whether to leave or, if his economic circumstances are such that he feels he has to continue working for a short period following the conduct in question, he should let it be known that he does not agree to that conduct and is working under protest.»*

*Anke f'dan il-każ, ir-rikorrenti sostniet u insistiet fuq l-istat ta' saħħa psikoloġika deterjorat tagħha kkaġunat minn trasferimenti partikolari li ngħataw allegatament b'mod vendikattiv biex idejqu lir-rikorrenti sakemm ma wassluha biex tirriżenja mill-impjieg tagħha. Hija sostniet ukoll li kawża ta' dawn l-abbużi li sofriet, kellha tirrikorri għal psikjatra liema psikjatra ċċertifika lir-rikorrenti sabiex toħroġ b'leave għal mard darbtejn. Fl-affidavit tagħha, kompliet tgħid li bdiet tħoss dwejjaq kbar u bdiet saħansitra tibki fuq il-post tax-xogħol minħabba li kienet ġo rokna wiċċha mal-ħajt maqtugħa minn kulħadd. Skontha dan kien sar biex ma tagħmilx kuntatt mal-kollegi tagħha tad-dipartimenti l-oħrajn, minkejja li l-konvenuti kienu jafu li għaliha kien ta' għajnuna mentali li tagħmilha man-nies. Inoltre, spjegat fl-affidavit tagħha, b'mod dettaljat li hija kienet qed tagħmel xogħol degradanti komparat mal-esperjenza li ottjeniet fi 23 sena li kienet ilha taħdem mal-kumpanija intimata. Dan kollu wassalha biex bdiet mentalment tiddeterjora. Fl-aħħar paragrafu tal-affidavit tagħha tgħid:*

*«Kienu ċ-ċirkostanzi li ġabuni fihom u dan l-aġir fil-konfront tiegħi li wassalni nieħu d-deċiżjoni li nitlaq mix-xogħol għaliex is-sitwazzjoni kienet wisq demoralizzanti fil-konfront tiegħi u kienet ser terġa' tgħaddini minn dak kollu li għaddejt minnu diġà għal darbtejn matul l-aħħar erbatax (14)-il xahar. Din id-deċiżjoni ħadtha għaliex nipprova nitkellem ma' min nipprova ma kont qed nasal l-ebda konklużjoni. Ma ħadt palju mingħand ħadd. It-Top Management kollha jfarfru minn fuq spallithom u ma jagħtuk risposta ta' xejn lanqas dawk li suppost jieħdu d-deċiżjonijiet.»*

*Din hija deskrizzjoni ta' sitwazzjoni tipika li fil-ġurisprudenza ġiet klassifikata bħala li, kif muri iżjed 'il fuq taqa' fit-tifsira ta' constructive dismissal.*

*Iżda f'dan il-każ, it-talba għad-danni li qiegħda tiġi magħmula mir-rikorrenta mhix ibbażata fuq il-fatt li hija sofriet danni in konsegwenza għall-fatt li kienet kostretta titlaq mix-xogħol minħabba fatti li waslu għal constructive dismissal, daqskemm fuq il-fatt li hija tallega li sofriet abbużi* ***waqt*** *it-terminu tal-impjieg tagħha:*

*(a) Meta nbidlilha l-post u t-tip ta' impjieg tagħha għal tliet darbiet*

*f'temp ta' erbatax-il xahar;*
*(b) Li dawn it-trasferimenti kienu ngħataw b'mod vendikattiv biex idejquha u <u>iwassluha</u> tirriżenja;*
*(c) Minħabba dawn l-abbużi li hija tallega li sofriet waqt il-qadi tas-servizzi tagħha mal-konvenuta hija tgħid ukoll li kellha tirrikorri għand psikjatra u kienet kostretta toħroġ b'long sick leave għal darba, darbtejn;*
*(d) Matul l-istess żmien hija ġiet sospiża mix-xogħol tagħha wara li dehret fuq programm televiżiv fil-perjodu ta' long sick leave fejn baqgħet tirċievi nofs is-salarju tagħha;*
*(e) Dehret quddiem Bord tad-Dixxiplina li qabel mal-fatti tal-każ kif esposti minnha u ngħatat biss warning minn dan il-Bord.*
*(f) Kif is-sospensjoni ġiet irtirata hija rritornat għax-xogħol iżda ingħatat biss xogħol ta' scanning, fejn kellha taħdem dan ix-xogħol waħedha, wiċċha mal-ħajt, topera minn uffiċċju jew residenza tagħha mingħajr kuntatt ma' impjegati oħra.*

*U kien għal dawn il-raġunijiet kif premessi li hija talbet lil Qorti :*

*(a) Tiddikjara **<u>dan l-aġir</u>** tal-kumpanija bħala wieħed abbużiv u ta' vjolazzjoni għad-drittijiet tal-ħaddiem;*
*(b) Tikkundanna l-att vendikattiv illi r-rikorrenti sofriet **<u>wara li hija rritornat għax-xogħol</u>**;*
*(c) Tillikwida kumpens lir-rikorrenti għad-danni morali u emozzjonali li hija sofriet.*

*Naturalment, din il-Qorti tifhem li dawn id-danni li hija tallega li sofriet u li talbet li jiġu likwidati favur tagħha huma allura direttament marbuta ma' dawn il-premessi u fatti li allegatament seħħew waqt li hija kienet impjegata mal-konvenuta.*

***It-talba għad-danni f'dan il-każ mhix bażata fuq il-fatt li hija kellha tirriżenja minn mal-kumpanija konvenuta minħabba l-aġir lamentat iżda minħabba li dak l-istess l-aġir tal-kumpanija konvenuta kien il-kawża ta' danni personali morali u emottivi li hija tgħid li sofriet matul il-kors tal-impjieg tagħha magħha.***

*Il-kompetenza ta' Qorti tiġi determinata fuq kollox mit-termini tal-azzjoni attriċi – u dan qabel kull konsiderazzjoni li tista' toħroġ mill-eċċezzjonijiet mogħtija - inkwantu huma t-talbiet li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti teżerċita l-ġudizzju tagħha. Huma dawn il-premessi u t-talbiet li allura jiddeterminaw il-kompetenza tal-Qorti.*[11]

*Għalhekk il-fatti li taw lok lil dan il-każ setgħu verament ikunu inkwadrati fil-parametri tat-tifsira ta' constructive dismissal li kieku l-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti kienu marbuta iżjed mal-fatt li hija ġiet kostretta tirriżenja minħabba l-aġir allegatament abbużiv tal-kumpanija konvenuta aktar milli ma' dawk id-danni li r-rikorrenta ssostni li sofriet*

[11] Ara l-appell ċivili ***Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et***, deċiż fis-7 ta' Ottubru, 1997.

*konsegwenza tal-aġir allegatament abbużiv inkors matul l-impjieg tagħha.*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li l-ilment tar-rikorrenti kien jinkwadra esklussivament f'każ ta' constructive dismissal. Kemm fil-premessi tagħha mar-rikors promotur, kemm fl-affidavit tagħha kif ukoll fis-sottomissjonijiet tagħha l-ilment prinċipali tagħha huwa li l-kumpanija konvenuta kienet bidlitilha l-post u t-tip ta' impjieg tagħha għal tliet darbiet fi spazju ta' erbatax-il xahar, liema trasferimenti kienu deskritti minnha bħala vendikattivi biex idejquha u jwassluha biex tirriżenja mill-impjieg tagħha. In effetti, hija talbet lil din il-Qorti tiddikjara li kien dan l-aġir tal-kumpanija intimata li kien wieħed abbużiv u li jivvjola d-drittijiet tal-ħaddiem. Hija talbet il-kundanna ta' dan l-att deskritt minnha bħala vendikattiv u li hija sofriet wara li rritornat lura għax-xogħol. U dan allura huwa l-bażi għat-talba tagħha għal-likwidazzjoni tal-kumpens għad-danni "morali u emozzjonali" li hija sofriet matul il-kors tal-impjieg tagħha.*

*Fit-talbiet tagħha r-rikorrenti bl-ebda mod ma ssemmi li t-talba tagħha għad-danni kienet qed issir jew li kienet marbuta mal-fatt li hija kienet kostretta tirriżenja minn mal-kumpanija konvenuta. Id-dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna għal danni kienu konsegwenti dikjarazzjoni li, skontha, l-aġir tal-kumpanija konvenuta kien wieħed abbużiv u vjolattiv għad-drittijiet tal-ħaddiem – iżda matul l-operattività tal-kuntratt tal-impjieg tagħha. Dan il-kumpens li l-attriċi qiegħda titlob fit-tielet talba tagħha, hekk ukoll kif bażat fuq l-ewwel żewġ talbiet konsegwenti l-premessi formulati minnha, ma jaqgħux fit-termini tal-artikolu 75 u 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-fatt li r-rikorrenti ġiet kostretta tirriżenja mix-xogħol tagħha mal-kumpanija konvenuta huwa inċidentali għat-talba għad-danni tagħha. Verament li kienet ħassitha kostretta li tirriżenja minn ma' din il-kumpanija minħabba dan l-aġir tal-kumpanija konvenuta. Iżda d-danni mitluba minnha jorbtu mat-tħaddim tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha mas-soċjetà konvenuta matul il-kors tal-impjieg tagħha. It-talba għal-likwidazzjoni tad-danni kienet konsegwenzjali għal dan it-trattament (skontha) ħażin mis-soċjetà konvenuta <u>waqt it-tħaddim ta' dan il-kuntratt ta' xogħol tagħha mal-kumpanija konvenuta</u>.*

*L-eċċezzjonijiet preliminari u l-argumenti tal-konvenuti jissimplifikaw wisq l-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li jittentaw idawru talba għal danni allegatament subiti mir-rikorrenti matul il-kors tal-impjieg tagħha f'każ ta' costructive dismissal meta dan ma ġiex invokat minnha bħala l-bażi għat-talbiet tagħha. Għalkemm wieħed mill-effetti ta' dan l-allegat trattament ħażin verament imbagħad wassalha biex tirriżenja mill-impjieg tagħha għax ma felħitx aktar, it-talba għad-danni tagħha xorta waħda hija mifthuma mill-fatt li hija kienet kostretta tirriżenja.*

*L-għażla li tmexxi b'dawn it-talbiet quddiem din il-Qorti hija allura legalment perkorribbli inkwantu t-talbiet tagħha huma essenzjalment*

*għal danni naxxenti minn ħsara li hija tallega li sofriet fis-saħħa mentali u emottiva tagħha matul l-impjieg tagħha aktar milli għax kienet kostretta ttemm l-impjieg tagħha jew kawża relazzjonijiet industrijali oħra.*

*Verament li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni speċjalistika fuq materji ta' tkeċċija jew terminazzjoni mill-impjieg u relazzjonijiet industrijali vasti; iżda mill-banda l-oħra ma għandux ġurisdizzjoni esklussiva fuq kull materja li tirregola t-twettiq tal-kuntratti tal-impjieg, bħal f'każijiet fejn matul il-kors ta' impjieg, impjegat jallega li jkun sofra ħsarat u danni personali minħabba l-aġir allegatament abbużiv jew illegali tal-prinċipal.*

*Il-Liġi trid tagħti protezzjoni lil kull persuna li ssofri ħsara bl-azzjoni voluta jew negliġenti ta' persuna oħra. Li kieku l-argument tal-konvenuti jingħata leġittimità, dan iwassal sabiex effettivament l-impjegati jkunu mxekkla serjament milli jagħmlu talbiet għal riżarċiment ta' danni ċivili li jkunu jikkonsegwu minn ħsara li jkunu sofrew fuq il-post tax-xogħol tagħhom matul il-kors tal-impjieg tagħhom; u dan indipendentement mill-fatt jekk il-kawża ta' dik il-ħsara tkunx eventwalment wasslet ukoll lil dak l-impjegat – oltre il danno la beffa - saħansitra jirriżenja mill-post tax-xogħol tiegħu. Din l-interpretazzjoni twassal biex twessa' l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali lil hinn minn dak previst mil-Liġi, u mill-Ġustizzja.*

*B'hekk l-istħarriġ tat-talba attriċi tissubentra fil-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti aktar milli f'dik speċjalistika tat-Tribunal Industrijali.»*

9. Il-konvenuti Simon Zammit, Joseph Portelli u Alfred Zammit appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Jannar, 2025 u fl-aggravju waħdieni tagħhom huma baqgħu jinsistu li l-*forum* kompetenti biex jistħarreġ it-talbiet tal-attriċi huwa t-Tribunal Industrijali mhux il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

10. L-attriċi Arabella Tonna wieġbet għal dan l-appell fil-21 ta' Marzu, 2025 u barra li tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud, hija argumentat ukoll li dan l-appell għandu jitqies bħala wieħed null minħabba li tressaq mingħajr il-permess tal-Ewwel Qorti.

11. Il-konvenuta Malta Stock Exchange plc wieġbet fl-14 ta' April, 2025 u qalet li hija qiegħda taqbel mal-appell tal-konvenuti li dan il-każ jaqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

12. B'digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2025 din il-Qorti appuntat dan l-appell skont l-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex tisma' s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

13. Inżamm smigħ fis-26 ta' Ġunju, 2025 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Qabel tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-konvenuti, din il-Qorti trid l-ewwel tistħarreġ il-**preġudizzjali tal-attriċi** dwar in-nullità tal-appell tagħhom. Dan hu meħtieġ għaliex jekk din il-Qorti ssib li din il-preġudizzjali hija tajba, allura l-appell jieqaf hawn.

15. L-attriċi qiegħda tgħid fir-risposta tagħha li l-appell tal-konvenuti għandu jiġi ddikjarat bħala wieħed null għaliex mhux veru li dan jinsab imsejjes fuq l-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Hija tfisser li għalkemm il-konvenuti jistqarru fl-appell

tagħhom li huma kienu qegħdin jappellaw miċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tagħhom dwar l-inkompetenza *ratione materiae* tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'danakollu hija tgħid li l-appell tagħhom għandu x'jaqsam biss mal-mertu tal-kawża. Minħabba f'hekk hija targumenta li l-konvenuti appellanti ma setgħux iressqu dan l-appell mingħajr il-permess tal-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

16. L-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** msemmi mill-attriċi appellata jaqra hekk:

> *«231.(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> *Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.»*

17. Skont il-***proviso*** tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hawn fuq riprodott, appell minn sentenza li ma tkunx finali jista' jsir biss jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti tagħti l-permess tagħha bil-miftuħ biex ikun jista' jsir dak l-appell.

18. Dan il-*proviso* iżda ma jgħoddx skont l-**Artikolu 231(2) tal-Kodiċi**

**ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** meta l-azzjoni tkun tinvolvi iktar minn attur wieħed jew iktar minn konvenut wieħed, u s-sentenza tkun finali biss fil-konfont ta' xi attur jew konvenut partikolari biss. F'dak il-każ is-sentenza li tkun ingħatat dwar dak l-attur jew konvenut partikolari ma tkunx waħda parzjali iżda tkun waħda finali u għalhekk l-appell jista' jsir minnufih mingħajr bżonn il-permess tal-Ewwel Qorti (ara ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar, 2020, ***Vanna Arrigo et v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017 u ***Vincent Zerafa et vs Emanuel Cilia et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013).

19. Fil-każ tagħna m'hemmx dubju li s-sentenza bħalma hija dik li minnha tressaq l-appell tal-lum hija waħda minn dawk li l-liġi ssejħilhom bħala «*sentenzi separati*.» Dan hu hekk għaliex fis-sentenza appellata tat-13 ta' Jannar, 2025, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kawża b'mod finali fil-konfront ta' xi waħda mill-partijiet.

20. B'daqshekk però dan ma jfissirx li għaliex is-sentenza appellata kienet waħda parzjali, mela allura biex isir dan l-appell tal-lum il-konvenuti appellanti kellhom bilfors iħarsu l-proċedura msemmija fl-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** billi

jiksbu l-permess tal-Ewwel Qorti qabel jippreżentaw dan l-appell.

21. Wieħed irid iqis hawnhekk li l-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jsemmi sitwazzjoni fejn appell minn sentenza parzjali jista' jsir minnufih bla ħtieġa li jinkiseb permess mingħand l-Ewwel Qorti. Dan jista' jsir meta s-sentenza parzjali tkun dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba x-xorta tal-ħaġa fil-kawża jew dwar il-kompetenza tal-Qorti li tieħu konjizzjoni mill-kawża (ara ***Raymond Grech et v. Elzan Properties Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024 u ***Gaming VC Corporation Limited v. Boss Media Malta Casino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012).

22. Sewwasew fil-każ tagħna s-sentenza appellata kienet dwar il-kompetenza tal-Ewwel Qorti milli tisma' l-kawża u għalhekk tgħodd għaliha d-dispożizzjoni tal-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jiġifieri li ma jeħtieġ l-ebda permess tal-Ewwel Qorti biex seta' jsir dan l-appell.

23. L-attriċi appellata iżda tgħid fir-risposta tagħha li l-qofol tal-appell tal-konvenuti m'għandu x'jaqsam xejn mal-inkompetenza tal-Ewwel Qorti għaliex tisħaq li l-appell tagħhom jolqot il-qalba tat-tilwima li hemm bejniethom. B'hekk hija tgħid li dan l-appell kellu jkun regolat bl-**Artikolu**

**231** u mhux bl-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

24. Din il-Qorti fliet sew ir-rikors tal-appell u jkollha tistqarr li hija mkien ma fehmet li l-konvenuti kienu qegħdin jappellaw dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-mertu tal-kawża. Tassew minn eżami mirqum tal-aggravju joħroġ bil-wisq ċar li l-ilment tal-konvenuti appellanti jdur kollu kemm hu mal-kwistjoni li skonthom din il-kawża taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u mhux fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-fatt fit-talba finali tal-appell tagħhom, il-konvenuti ma talbux lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tiċħad it-talbiet tal-attriċi. Mod ieħor huma talbu sabiex din il-Qorti tal-Appell tilqa' biss l-eċċezzjoni tagħhom li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex il-kompetenza bil-liġi illi tisma' din il-kawża.

25. Jiġi b'hekk, li kontra dak li tgħid l-attriċi appellata, dan l-appell tal-konvenuti jaqa' fil-parametri tal-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, b'dana allura li ma kienx hemm għalfejn li l-konvenuti jiksbu l-permess tal-Ewwel Qorti qabel jippreżentaw dan l-appell.

26. Din il-preġudizzjali tal-attriċi għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

27. Hekk megħluba din il-preġudizzjali, din il-Qorti tista' tissokta sabiex twieġeb għall-aggravju tat-tliet konvenuti li appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

28. Fl-**aggravju waħdieni** tagħhom il-konvenuti jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma għamlitx sew li ħolqot distinzjoni bejn azzjoni ordinarja għad-danni minħabba aġir imwettaq matul l-impjieg u azzjoni għad-danni minħabba li dan l-aġir li seħħ waqt l-impjieg wassal għar-riżenja mill-impjieg. Skont l-appellanti dawn iż-żewġ ipoteżijiet jikkontemplaw l-istess kawżali, dik li kien hemm riżenja mġiegħla jew dik li l-Ingliżi jirreferu għaliha bħala *constructive dismissal* minħabba li l-ħaddiem ma setax jiflaħ iktar għal maltrattamenti li allegatament jgħid li ġarrab.

29. L-appellanti jkomplu jargumentaw li jekk wieħed kellu jaċċetta li ħaddiem li jkun ħassu kostrett jirriżenja għandu aktar minn dritt wieħed ta' azzjoni, dan iwassal għal sitwazzjoni inġusta fejn dak il-ħaddiem ikun jista' jħarrek lill-imgħallem tiegħu għal darbtejn u jkollu jedd jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa, jiġifieri fuq trattament ħażin matul l-impjieg li wasslet għar-riżenja tiegħu. Huma jtennu li jekk ħaddiem jitlaq mix-xogħol għaliex ma jiflaħx iktar, l-uniku rimedju li għandu skont il-liġi huwa dak ta' *constructive dismissal* quddiem it-Tribunal Industrijali skont l-**Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**.

30. Fil-każ tal-lum, il-konvenuti appellanti jsostnu li l-attriċi ma setgħetx tressaq azzjoni li ma taqbilx mar-rimedji mogħtija bil-liġi bis-saħħa tal-**Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** u minflok tniedi azzjoni ċivili ordinarja kontra min kien iħaddimha qabel u saħansitra anke kontra tliet diriġenti b'mod personali.

31. Din il-Qorti tibda billi tgħid illi hemm distinzjoni netta bejn is-setgħa ta' qorti jew tribunal li taqta' tilwima partikolari u r-rimedju jew rimedji li jistgħu leġittimament jintalbu minn persuna quddiem qorti jew tribunal mogħni b'dak il-poter. Il-ġurisdizzjoni hi s-setgħa mogħtija lil qorti jew tribunal ieħor li tiddeċiedi tilwima bejn soġġetti ta' drittijiet u obbligi, filwaqt li l-azzjoni hi r-rimedju, jew il-mekkaniżmu proċedurali, li tagħti l-liġi għall-ksur jew ħarsien ta' xi dritt sostantiv.

32. L-**Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** msemmi mill-konvenuti appellanti ma jiddentifikax ir-rimedji li huma mogħtija lill-ħaddiem meta jiltaqa' ma' xi għawġ fuq il-post tax-xogħol. Mod ieħor dan l-artikolu jiddentifika biss liema huma dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Fost dawn il-każijiet insibu mniżżla dak fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta (ara **Artikolu 75(1)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**) u fil-ġurisprudenza ġie miżmum li l-frażi «*tkeċċija inġusta*»

tinkludi fiha sitwazzjoni fejn ħaddiem jispiċċa biex jirriżenja mhux bir-rieda ħielsa tiegħu imma għaliex ikun ġie mġiegħel jew imwassal biex jagħmel hekk minħabba li ma jkunx jiflaħ iżjed għall-pressjonijiet li jintefgħu fuqu u jiġi f'qagħda li ma jkunx jifdallu triq oħra għajr li jtemm l-impieg tiegħu (ara ***Carmel Mallia et v. Ilona Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru, 2018, ***Michael Spiteri v. Valletta Gateway Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010, ***Anne Bharwani v. MIM Training & Development Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 2008). Sitwazzjoni din fejn minn barra jkun jidher li saret riżenja meta fil-verità tkun seħħet tkeċċija.

33. Issa għalkemm il-konvenuti appellanti għandhom raġun jgħidu li skont l-**Artikolu 75(1)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** l-każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tkeċċija inġusta jew ma' riżenja sfurzata jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklużiva tat-Tribunal Industrijali, madankollu huma m'għandhomx raġun meta jgħidu li skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**, l-attriċi appellata ma tistax tiftaħ kawża ħlief dik li għandha x'taqsam ma' *constructive dismissal*. L-**Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** mhuwiex maħsub biex jelenka r-rimedji li għandu impjegat f'każ ta' tilwim fil-post tax-xogħol. Mod ieħor l-għan wara dan l-artikolu huwa li jsemmi biss liema huma dawk il-kawżi li jridu

bilfors jinstemgħu mit-Tribunal Industrijali u mhux minn organi ġudizzjarji oħra.

34. Dan iġibna għall-konsiderazzjoni li ladarba skont l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet mogħtija s-setgħa li taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili, mela allura kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira dejqa (ara ***L-Avukat Alfred Grech nomine v. Raymond Grech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023 u ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952).

35. Biex jiġi determinat liema huwa l-organu ġudizzjarju kompetenti biex jaqta' l-kawża, wieħed irid neċessarjament iħares lejn in-natura tal-azzjoni mibdija mill-attur u lejn ir-riżultat li jkun qed ifittex li jikseb dak l-attur (ara ***Darren Cordina et v. Automated Revenue Management Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024). Ma hemmx għalfejn ngħidu n-natura ta' kawża li titressaq quddiem il-qrati hija determinata mill-għażla li tagħmel il-parti li tiftaħha u mhux mill-eċċezzjonijiet li l-parti mħarrka tqajjem dwarha (ara ***Integrated Business Systems Limited v. Microsoft Ireland Operations Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2024).

36. Tassew, din l-għażla tal-azzjoni hija biss prerogattiva tal-parti attriċi u żgur ma tistax issir mill-parti mħarrka, li lanqas hija mħollija tgħid x'messha kienet l-azzjoni li l-parti attriċi għażlet li tiftaħ. Iżda, ladarba l-parti attriċi tagħmel l-għażla tagħha, hija mbagħad trid toqgħod għal dik l-għażla. Għażla din, li toħroġ mill-kliem u mit-talbiet l-att tal-bidu li bih tinfetaħ il-kawża u mir-regoli u l-elementi li jikkaratterizzaw l-għamla tal-azzjoni magħżula (ara ***Il-Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

37. Lura għall-każ tagħna, jidher bil-wisq ċar mit-talbiet magħmula fir-rikors maħluf tagħha, li l-attriċi mhijiex qiegħda tfittex li tikseb rimedju li wieħed jistenna li jsib f'każ ta' azzjoni marbuta ma' tkeċċija inġusta jew ta' *constructive dismissal*. Kemm hu hekk għalkemm fil-premessi tar-rikors maħluf hija aċċennat għall-fatt li rriżenjat mill-impjieg tagħha, madankollu fit-talbiet finali tagħha l-attriċi la qiegħda titlob li terġa' tiddaħħal lura taħdem mal-konvenuta Malta Stock Exchange plc u lanqas ma hija qiegħda tippretendi li tingħata kumpens minħabba li hija rriżenjat mill-impjieg tagħha. Tassew f'din il-kawża l-attriċi mhijiex qiegħda titlob li tikseb xi wieħed mir-rimedji li skont l-**Artikolu 81 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** jaqgħu fis-setgħat tat-Tribunal Industrijali f'każijiet ta' tkeċċija inġusta.

38. Rilevanti wkoll li l-attriċi lanqas ma hija qiegħda tippretendi fir-rikors maħluf tagħha li għandha tiġi kkumpensata għat-telf effettiv li ġarrbet minħabba t-tmiem tal-impjieg, bħalma lanqas ma hija qiegħda titlob li tiġi mħallsa għat-telf tal-paga jew għat-telf ta' qligħ li tista' tbati 'l quddiem minħabba li spiċċat mingħajr impjieg.

39. Mod ieħor dak li qiegħda titlob l-attriċi f'din il-kawża huwa: (i) li jiġi ddikjarat li l-kumpanija konvenuta Malta Stock Exhange plc ġabet ruħha ħażin magħha waqt li kienet impjegata magħha, partikolarment wara li hija kienet reġgħet marret lura għax-xogħol; u (ii) li jiġi likwidat kumpens morali u emozzjonali li l-attriċi temmen li jistħoqqilha tirċievi minħabba dan l-aġir ħażin li tgħid li batiet minnu.

40. Din il-Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-Ewwel Qorti li t-talbiet imressqa mill-attriċi f'dan il-każ ma jaqgħux fl-ambitu ta' azzjoni ta' tkeċċija inġusta jew ta' *constructive dismissal* għaliex l-attriċi mhijiex qiegħda tfittex rimedju minħabba li spiċċat bla xogħol iżda qiegħda tfittex rimedju minħabba l-ħsara mentali u emottiva li tgħid li ġarrbet tul l-impjieg tagħha mal-Malta Stock Exchange plc. Dawn ir-rimedji mfittxija mill-attriċi ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali msemmija fl-**Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**.

41. L-aggravju tal-konvenuti appellanti għalhekk mhuwiex mistħoqq.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuti Simon Zammit, Joseph Portelli u Alfred Sammut u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet għaliex l-attriċi ma kellhiex raġun tqajjem il-preġudizzjali dwar in-nullità tal-appell, filwaqt li l-konvenuti (Simon Zammit, Joseph Portelli u Alfred Sammut fir-rikors tal-appell tagħhom u Malta Stock Exhcange plc fir-risposta tal-appell tagħha) ma kellhomx raġun jibqgħu jinsistu fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili milli tisma' din il-kawża.

Fl-aħħar nett il-Qorti tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da